



Brussell, 12 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5208/22

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0134(NLE)

JAI 31
FRONT 14
VISA 9
SAN 17
TRANS 12
IPCR 5
COVID-19 4
COMIX 19

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni - Emenda tal-Anness I = Adozzjoni

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Jannar 2022, l-IPCR wettaq il-valutazzjoni ta' darbtejn fix-xahar tal-lista ta' pajjiżi terzi inklużi fl-Anness I għar-Rakkomandazzjoni (UE) 2020/912. Fid-dawl tad-data l-aktar reċenti mill-ECDC u s-SEAE, ġie propost li l-Arġentina, l-Awstralja u l-Kanada jitneħħew mill-Anness I.
2. Fit-12 ta' Jannar 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-tneħħija tal-Arġentina, l-Awstralja u l-Kanada mill-Anness I. Ċipru, il-Greċja u l-Italja ma setgħux jaqblu mat-tneħħija proposta.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
- jadotta t-test tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912, kif jinsab fl-anness;
 - jiddeċiedi li jippubblika t-test tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 fil-Ġurnal Uffiċjali, ladarba jiġi adottat.
-

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar

**ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali
restrizzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(b) u (e) u l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni¹ ("Rakkomandazzjoni tal-Kunsill").
- (2) Minn dakinhar 'l hawn, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2020/1052², (UE) 2020/1144³, (UE) 2020/1186⁴, (UE) 2020/1551⁵, (UE) 2020/2169⁶, (UE) 2021/89⁷, (UE) 2021/132⁸, (UE) 2021/767⁹, (UE) 2021/892¹⁰, (UE) 2021/992¹¹, (UE) 2021/1085¹², (UE) 2021/1170¹³, (UE) 2021/1346¹⁴, (UE) 2021/1459¹⁵, (UE) 2021/1712¹⁶, (UE) 2021/1782¹⁷, (UE) 2021/1896¹⁸, (UE) 2021/1945¹⁹, (UE) 2021/2022²⁰ u (UE) 2021/2150²¹ li jemendaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni.

¹ ĠU L 208I, 1.7.2020, p. 1.
² ĠU L 230, 17.7.2020, p. 26.
³ ĠU L 248, 31.7.2020, p. 26.
⁴ ĠU L 261, 11.8.2020, p. 83.
⁵ ĠU L 354, 26.10.2020, p. 19.
⁶ ĠU L 431, 21.12.2020, p. 75.
⁷ ĠU L 33, 29.1.2021, p. 1.
⁸ ĠU L 41, 4.2.2021, p. 1.
⁹ ĠU L 165I, 11.5.2021, p. 66.
¹⁰ ĠU L 198, 4.6.2021, p. 1.
¹¹ ĠU L 221, 21.6.2021, p. 12.
¹² ĠU L 235, 2.7.2021, p. 27.
¹³ ĠU L 255, 16.7.2021, p. 3.
¹⁴ ĠU L 306, 31.8.2021, p. 4.
¹⁵ ĠU L 320, 10.9.2021, p. 1.
¹⁶ ĠU L 341, 24.9.2021, p. 1.
¹⁷ ĠU L 360, 11.10.2021, p. 128.
¹⁸ ĠU L 388, 3.11.2021, p. 1.
¹⁹ ĠU L 397, 10.11.2021, p. 28.
²⁰ ĠU L 413, 19.11.2021, p. 37.
²¹ ĠU L 434, 6.12.2021, p. 8.

- (3) Fl-20 ta' Mejju 2021, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni 2021/816 li temenda r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912 dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni²² sabiex jaġġorna l-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk huwiex sikur l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi u jekk dan jenħtieġx li jkun permess.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tipprevedi li jenħtieġ li l-Istati Membri jneħħu gradwalment ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE mill-1 ta' Lulju 2020 b'mod ikkoordinat fir-rigward tar-residenti tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Jenħtieġ li l-lista tal-pajjiżi terzi msemmija fl-Anness I tkun riveduta kull ġimagħtejn u, jekk meħtieġ, aġġornata mill-Kunsill, wara konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-aġenziji u s-servizzi rilevanti tal-UE wara valutazzjoni ġenerali bbażata fuq il-metodoloġija, il-kriterji u l-informazzjoni msemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
- (5) Minn dak iż-żmien 'l hawn saru diskussjonijiet fil-Kunsill, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-aġenziji u s-servizzi rilevanti tal-UE, dwar ir-rieżami tal-lista ta' pajjiżi terzi stabbilita fl-Anness I għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill u fl-applikazzjoni tal-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, kif emendata bir-Rakkomandazzjoni 2021/816. Bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, il-lista ta' pajjiżi terzi stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tiġi emendata. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Arġentina, l-Awstralja u l-Kanada jitneħħew mil-lista.

²² ĠU L 182, 21.5.2021, p. 1.

- (6) Il-kontrolli fuq il-fruntieri mhumie x biss fl-interess tal-Istat Membru li fil-fruntieri esterni tiegħu jsiru dawn il-kontrolli, iżda tal-Istati Membri kollha li neħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri meħuda fil-fruntieri esterni jkunu kkoordinati sabiex jiżguraw żona Schengen li tiffunzjona tajjeb. Għal dak il-għan, mis-17 ta' Jannar 2022, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jneħħu r-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE b'mod ikkoordinat fir-rigward tar-residenti tal-pajjiżi terzi, Reġjuni Amministrattivi Speċjali *u entitajiet u awtoritajiet territorjali oħra* elenkati fl-Anness I għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill kif emendat b'din ir-Rakkomandazzjoni.
- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din ir-Rakkomandazzjoni jekk hijiex ser timplimentaha.
- (8) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²³; Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (9) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE²⁴.

²³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

²⁴ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

- (10) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE²⁵ moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE²⁶.
- (11) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-adeżjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE²⁷, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/350/UE²⁸.

²⁵ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

²⁶ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

²⁷ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

²⁸ Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/912, kif emendata bir-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2020/1052, (UE) 2020/1144, (UE) 2020/1186, (UE) 2020/1551, (UE) 2020/2169, (UE) 2021/89, (UE) 2021/132, (UE) 2021/767, (UE) 2021/816, (UE) 2021/892, (UE) 2021/992, (UE) 2021/1085, (UE) 2021/1170, (UE) 2021/1346, (UE) 2021/1459, (UE) 2021/1712, (UE) 2021/1782, (UE) 2021/1896, (UE) 2021/1945, (UE) 2021/2022 u (UE) 2021/2150, dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE u t-tneħħija possibbli ta' tali restrizzjoni hija emendata kif ġej:

- (1) L-ewwel paragrafu tal-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill huwa sostitwit b'dan li ġej:
 1. Mis-17 ta' Jannar 2022, l-Istati Membri għandhom ineħħu gradwalment ir-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE b'mod ikkoordinat fir-rigward tar-residenti tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I.
- (2) L-Anness I għar-Rakkomandazzjoni huwa sostitwit b'dan li ġej:

Anness I

Pajjiżi terzi, Reġjuni Amministrattivi Speċjali u entitajiet u awtoritajiet territorjali oħra li r-residenti tagħhom jenħtieġ li ma jiġux affettwati minn restrizzjoni temporanja fil-fruntieri esterni fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE:

I. STATI

1. BAHRAIN
2. ĊILÌ
3. KOLOMBJA
4. INDONEŻJA
5. KUWAJT
6. NEW ZEALAND
7. PERÙ
8. QATAR
9. RWANDA

10. ARABJA SAWDIJA
11. KOREA T'ISFEL
12. EMIRATI GĦARAB MAGĦQUDA
13. URUGWAJ
14. ĊINA*

II. REĠJUNI AMMINISTRATTIVI SPEĊJALI TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong

Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Macao

III. ENTITAJIET U AWTORITAJIET TERRITORJALI LI MHUMIEX RIKONNOXXUTI
BĦALA STATI MINN TAL-ANQAS STAT MEMBRU WIEĦED

Tajwan

* soġġett għall-konferma tar-reċiproċità

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Jannar 2022

Għall-Kunsill

Il-President
